MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2015

Numru 1/2015

**Pulizija**

**(Spettur Victor Aquilina)**

**vs**

**Ibrahim Esadin Kalil**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra Ibrahim Esadin Kalil, u detentur tan-numru moghti mill-Pulizija 11F-335.

Akkuzat talli fid-29 ta’ Mejju 2015 u fil-jiem ta’ qabel f’dawn il-gżejjer iffalsifika, biddel jew għamel xi tibdil f’passaport u karta tar-residenza Taljani jew uża jew kellhu fil-pussess tiegħu xi passaport u karta tar-residenza Taljani li hu kien jaf li ġie iffalsifikat, mibdula jew sar xi tibdil fiha f’isem Hassan Mahamud Mohamed bin-numri 083386 & I02071727 rispettivament (Kap 61, Sec 5 tal-Liġijiet ta’ Malta)

Kif ukoll akkuzat talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamel użu minn xi dokument iehor iffalsifikat, fid-dokument hawn fuq imsemmi (Kap 9, Sec 189 tal-Liġijiet ta’ Malta)

Kif ukoll akkuzat talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi mingħajr awtorità leġittima uża jew kellu fil-pussess tiegħu xi dokument, meħtieġ għall-finijiet ta’dan l-Att li kien falsifikat (Kap 217, Sec 32(1f) tal-Liġijiet ta’ Malta)

Rat l-artikoli 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 32(1)(f) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunisdrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija u l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri kif ukoll il-fedina penali ta'l-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 32(1)(f) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u taghhom tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------